MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 84/2011

**Mario Camilleri**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Mario Camilleri, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Hu gie akkuzat li kellu fil-pussess tieghu ammont ta’ droga, bi skop ta’spacc, u dan skont l-att tal-akkuza “Ir. Repubblika ta’ Malta v Mario Camilleri” (Att ta’ Akkuza nru. 14/2010).

Fl-istess zmien huwa kien mizmum id-dar u ma setax johrog skont kundizzjonijiet tal-house arrest. Sahansitra

kien hemm, b'ghazla tieghu, CCTV camera mad-dar, u mill-istess camera kien hemm stabbilit li certu Robert Spiteri kien mar ghandu. Il-Pulizija hadet statement minghand Robert Spiteri u lil dan akkuzatu quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'pussess ta' droga, filwaqt li lill-esponenti baghtitu quddiem il-Qorti Kriminali.

L-esponenti gie mghoddi guri fuq l-ghazla tal-Avukat Generali li seta' jibaghtu jew quddiem Qorti tal-Magistrati jew quddiem il-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti. Quddiem il-Qorti Kriminali, il-piena minima stabbilita hija ferm u ferm gholja kif ukoll il-piena massima. Hekk jipprovdi l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101. Ikun kemm ikun ta' kuxjenza l-Avukat Generali, fil-process hu avversarju, anzi huwa protagonista kontra l-akkuzat. Decizjoni tieghu torbot anke lill-Qorti li ma tistax tinzel mill-piena minima, filwaqt li taghtiha latitudni kbira lejn il-piena massima. Dan ifisser li qabel jibda l-process, u mhux fuq bazi ta' regola tal-ligi u kriterji tal-ligi, l-Avukat Generali, avversarju, jaghmel a binding judgment. Jorbot lill-Qorti wkoll. Mela hemm fazi fil-proceduri li ma jhallux li kollox ikun quddiem "Qorti imparzjali u indipendenti".

Dan hu kontra l-**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni**

Dan hu wkoll kontra l-**Artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea**, ghax skont gurisprudenza jolqot ic-certezza tal-piena li tkun maghrufa fil-mument li jigi kommess ir-reat.

Din il-ligi u ligijiet ohra bhalha taghti diskrezzjonalita' lill-Avukat Generali, li hu l-prosekutur *par excellence*, x'piena ghandha tinghata lill-akkuzat tal-istess fatt. Dan mhux bhall-kaz tal-ligi Ingliza, fejn hemm reati *triable either way*. Fl-Ingilterra, persuna tista' tintbaghat biex toqghod jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew quddiem il-Qorti Kriminali, imma minghajr tibdil tal-paramentri tal-piena.

L-Avukat sottoskritt jaf li qed jipprova jitla' ma' hajt imkahhal quddiem il-Qrati Maltin. Kien hemm diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li jmorru kontra t-tezi tieghu.

Fil-kawza "John Camilleri v Avukat Generali", il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni deciza fit-12 ta' Frar 2010, waslet qalet li "huwa veru li l-Avukat Generali jiddeciedi li jezercita d-diskrezzjoni tieghu skont il-gravita' tal-kaz u skont il-ligi, izda fil-fehma tal-Qorti hu awspikabbli li, biex ikun hemm aktar trasparenza u aktar fairness, jigu stabbiliti kriterji cari li l-Avukat Generali ghandu jsegwi meta jiddeciedi quddiem liema Qorti jibghat akkuzat biex jinstema' l-kaz tieghu".

F'din l-istess kawza, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet gabra ta' kemm-il darba ncahad ilment bhal dan. Li hu rilevanti li l-Qorti Kostituzzjonali tissuggerixxi ghall-fairness, li jigu stabbiliti kriterji cari. Mela issa l-Avukat Generali sar legislatur?

Il-kaz ta' John Camilleri ntbaghat quddiem il-Qorti Ewropea fi Strasbourg u jinsab fi stadju avvanzat hafna, stante li sahansitra ntalab mill-applikant it-talba tieghu specifika ghad-danni, u dan bhala l-ahhar sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Fl-istess waqt ta' min isemmi s-sentenza tal-Qorti Kriminali kontra Stanley Chircop fejn il-Qorti uriet il-perplessita' taghha fuq kaz simili hafna, u qalet li l-ghazla tal-Avukat Generali ma kinitx ghaqlija.

Talab l-attur jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li l-Artiklu 22(2) tal-Kap. 101, u l-ligijiet fuq modellati, fejn tinghata diskrezzjoni lill-Avukat Generali ghal-liema piena jesponi lill-akkuzat minhabba nuqqas "ta' fairness u trasparenza" jivvjola l-Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Taghtih rimedju effettiv billi tannulla u thassar l-att tal-akkuza "Ir-Repubblika ta' Malta v Mario Camilleri" (Att ta' Akkuza nru. 14/2010); u taghtih ukoll danni morali.

Bl-ispejjez.

Rat it-twegiba tal-Avukat Generali, li in forza taghha rrisponda ghall-kawza billi sostna illi:

Il-lanjanzi tar-rikorrenti fir-rikors promutur huma fis-sens illi *'l-Artiklu 22 (2) tal-Kap 101, u l-ligijiet fuqu modellati, fejn tinghata diskrezzjoni lill-Avukat Generali ghal-liema piena jesponi lill-akkuzat minhabba nuqqas « ta' fairness u trasparenza » jivvjola l-Art 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem'*. Ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti huwa li jigi annullat u mhassar l-Att ta' l-Akkuza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri' (Att ta' Akkuza numru 14/2010).

L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Preliminarjament, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju stante li l-istess rikorrenti kien diga' qajjem din il-lanjanza quddiem il-Qorti Kriminali fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari fil-kawza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri' (Att ta' Akkuza numru 3/98) fejn dik il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1999 ddecidiet illi '*l-kwistjoni sollevata mill-akkuzat b'din l-ewwel eccezzjoni hi semplicement frivola <u>u</u> vessatorja fis-sens tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (3) tal-Kap. 319*'. Din id-decizjoni kienet konfermata fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-23 ta' Jannar 2001 fejn gie osservat illi '*M'hemmx dubbju li l-appellant kellu kull dritt jqanqal il-kwistjoni mill-gdid quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, pero', fit-termini tal-istess Kostituzzjoni u tal-Kap 319 daqstant iehor l-ewwel Onorabbli Qorti kellha d-dritt tiddeciedi kif iddecidiet u cioe' li t-tqanqil tal-kwistjoni, ga deciza precedentement mill-Qorti Kostituzzjonali u anki konsidrata mill-Kummissjoni tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg kienet frivola u vessatorja'.* L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti qed jerga' jqajjem dina l-kwistjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti meta huwa ben konsapevoli ta' dak li diga' gie deciz in konfront tieghu fuq l-istess lanjanza.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzu ghas-suespost, in kwantu din il-procedura qed tintuza biex jitwalu l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti taht il-Konvenzjoni u dan ghar-ragunijiet segwenti. Illi dan huwa marbut ma' l-ewwel eccezzjoni preliminari peress illi juri l-vessorjeta' ta' dina l-procedura. In fatt, ir-rikorrenti intavola r-rikors promotur lejliet id-data li fih kien ser jinstema' l-guri (il-guri kien appuntat ghad-9 ta' Jannar 2012) u dan meta l-Att ta' l-Akkuza inhareg fil-bidu tas-sena 2010 u cioe' circa sentejn ilu. Dan l-agir tar-rikorrenti juri bic-car l-intenzjoni tieghu u cioe li jirbah iz-zmien u jipposponi kemm jista' s-smiegh tal-guri.

## 1. Ebda ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea

L-esponenti jissottometti illi l-Artikolu 6 jipprovdi li kull min jinsab akkuzat b'xi reat ghandu, fost affarijiet ohra, dritt li l-kaz tieghu jinstema' minn tribunal indipendenti u imparzjali. Dan id-dritt jimplika li l-akkuzat jinghata avviz ragonevoli ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu biex ikun jista' jipprepara kif jixraq id-difiza tieghu, u l-kaz tieghu jigi mistharreg u deciz minn tribunal stabbilit bil-ligi, b'gudikant indipendenti u imparzjali.

L-esponenti jissottometti illi l-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ma jincidix fuq id-dritt ta' l-akkuzat protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. In fatti, ir-rikorrenti gie mressaq quddiem qorti stabbilita bil-ligi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirregola l-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-Qorti u mhux kif persuna tingieb quddiem il-Qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Magistrati, min ikun mixli b'akkuza kriminali jkollu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu. Imkien f'dan l-artikolu ma tinghata garanzija illi l-prosekutur ma ghandux ikollu diskrezzjoni bhal dik moghtija lill-Avukat Generali fl-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-funzjoni ta' l-Avukat Generali illi tohrog mill-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 101 mhix sinonima mal-funzjoni ta' gudikant. Il-fatt illi dan l-artikolu jaghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali fejn jista' jaghzel quddiem liema qorti

jkun ser jisma' l-kaz ma jfissirx illi b'xi mod l-Avukat Generali jikkonverti ruhhu f'Imhallef jew Magistrat.

Id-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali ma jfissirx li b'xi mod jaghti xi decizjoni fuq il-mertu tal-kaz. Li jsir huwa li jigi stradat il-kaz billi tigi ezaminata' l-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi li jiccirkondaw ir-reat. L-istess jinghad fuq il-piena u cioe' li l-Avukat Generali ma jiddecidiex il-piena li ghandha tigi inflitta f'kaz li persuna tinsab hatja.

L-Avukat Generali ma ghandu l-ebda poter jew kontroll fuq jekk akkuzat jinstabx hati jew le u dana peress illi tali decizjoni tittiehed mill-organu kompetenti illi hija l-Qorti. Diversa kienet tkun is-sitwazzjoni li kieku l-Avukat Generali kellu l-poter illi jiddetermina huwa stess il-htija o meno tal-akkuzat. Bil-poter moghti bil-ligi, l-Avukat Generali mhux qed jaghmel ebda *pre judgment* jew gudizzju fuq htija tal-persuna li mexxa kontra taghha.

L-esponenti jirreferi ghal kawza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri deciza fit-23 ta' Jannar 2001 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn fl-istadju ta' Eccezzjonijiet Preliminari ta' l-Att ta' l-Akkuza numru 3/98, kienet tqajmet l-istess lanjanza kostituzzjonali li qed titqajjem fil-proceduri odjerni. Dik il-Qorti osservat illi :

'Din il-Qorti ma tistax tara kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skond l-Artikolu 22 (2) imsemmi tista' tincidi fuq l-indipendenza taghha. Tasal kif tasal kawza quddiem din il-Qorti – bid-decizjoni ta' parti wahda, bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew minhabba disposizzjoni espressa tal-libi li torbot lill-partijiet fil-kawza – l-indipendenza ta' din il-Qorti hi marbuta mal-mod kif inhi, skond il-ligi, komposta u kostitwita. La n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha u lanqas kif jew min igibha quddiemha ma jistghu remotament jincidu fuq tali indipendenza'.

L-esponenti jissottometti illi huma d-disposizzjonijiet tal-ligi li jiddefinixxu l-elementi tar-reat u li jistabilixxu l-piena. Il-ligi tistabilixxi *minimum* u *maximum* ta' piena, u sakemm dawn ikunu maghrufa ghall-akkuzat u huma stabiliti meta

jkun sar ir-reat, allura ma jistax jinghad li hemm ksur tal-Artikolu 6 jew 7 tal-Konvenzjoni.

In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikolu.

## 2. Ebda ksur ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja

L-esponenti jissottometti illi l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni johloq principju ta' certezza izda l-principju huwa wiehed specifiku u definit : certezza dwar l-elementi tar-reat u dwar il-piena u mhux principju generali kif qed jallega r-rikorrenti fir-rikors promotur.

L-esponenti jirrileva illi c-certezza trid tkun fid-disposizzjonijiet tal-ligi li jiddefinixxu l-elementi tar-reat u li jistabilixxu l-piena. Certament illi din ic-certezza ma tigix affetwata jekk il-ligi tistabilixxi *minimum* u *maximum* ta' piena sakemm dawn ikunu maghrufa u stabbiliti b'ligi li tkun fis-sehh meta jkun sar ir-reat.

Id-definizzjoni ta' l-elementi tar-reat kienet fis-sehh b'ligi fiz-zmien relevanti ghall-kaz kontra r-rikorrenti kif ukoll l-oghla piena li setghet tinghata kienet applikabbli b'ligi fiz-zmien relevanti ghall-kaz tar-rikorrenti.

Effettivament bil-funzjoni tieghu, l-Avukat Generali mhux talli ma jivvjolax dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni anzi jiddelinea u jikkreja aktar certezza billi l-akkuzat jinghata l-parametri tal-piena.

L-esponenti jissottometti illi kemm l-Artikolu 6 u kemm l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jikkoncernaw is-sustanza ta' dak li huwa d-dritt protett u cioe' il-gustizzja li trid issir. Sakemm il-forma procedurali sostantivament tosserva dak protett bl-Artikolu 6 u 7 wiehed ma jistax jallega vjolazzjoni. Gialadarba l-funzjoni ta' l-Avukat Generali ma tidderminax il-mertu u ma taghtix poter lill-prosekuzzjoni li jiddertmina l-htija u lanqas l-imposizzjoni ta' piena f'kaz ta' sejbien ta' htija allura ma tistax tinstab vjolazzjoni ta' dawn l-Artikoli.

In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikolu.

**3. Rimedju mitlub**

L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti bhala rimedju qed jitlob li jigi annullat u mhassar l-att ta' l-akkuza in konfront tar-rikorrenti. l-esponenti jissottomettu illi r-rimedju taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja huwa rimedju straordinarju. L-esponenti jirrileva illi l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fondamentali huwa sabiex jigu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards* hija r-rimedju ewlieni. Il-Qorti mhux obbligata illi tistabilixxi danni jew taghti xi rimedju iehor f'dawn il-kazijiet u meta jinghataw id-danni jew rimedju iehor, dan isir minhabba l-fattispecie tal-kaz partikolari.

In oltre, l-esponenti jissottometti illi rimedju konvenzjonali ghandu jinghata biss f'kaz illi l-ligi ordinarja ma tipprovdix ghall rimedju. Il-ligi penali ordinarja tipprovdi bhala rimedju straordinarju anke l-annullament u thassir ta' att ta' akkuza. It-talbiet tar-rikorrenti kif imfassla fir-rikors promotur u cioe' li jigi dikjarat li l-artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 bhala leziv u bhala rimedju talab li jithassar l-att ta' l-akkuza in konfront tieghu juri bic-car illi l-ghan ahhari tar-rikorrenti huwa li jipprova jannulla l-proceduri kriminali.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Generali filwaqt li nnotat illi r-rikorrenti, moghti l-fakulta' li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, ghazel li ma jressaqx sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni tal-Qorti illi l-Art. 22(2) tal-Kap. 101 huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Art. 6 u Art. 7). Qed jitlob ukoll rimedju li skont hu ghandu jkun it-thassir tal-Att ta' Akkuza fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti Kriminali.

L-Art. 22(2) tal-Kap. 101 jipprovdi testwalment illi:

"*(2) Kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont kif jordna l-Avukat Generali.*"

Il-pieni jvarjaw skont il-Qorti li tisma' u tiddeciedi l-kaz.

<u>Allegat Ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

L-Art. 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt ta' kull akkuzat ghal smigh xieraq tal-kaz tieghu minn tribunal indipendenti u imparzjali.

Fil-kawza "Rep. vs Mario Camilleri" (deciza fit-23 ta' Jannar 2001), il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi ttenni:

"*Din il-Qorti ma tistax tara kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skont l-Artikolu 22 (2) imsemmi tista' tincidi fuq l-indipendenza taghha. Tasal kif tasal kawza quddiem din il-Qorti – bid-decizjoni ta' parti wahda, bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew minhabba dispozizzjoni espressa tal-ligi li torbot lill-partijiet fil-kawza – l-indipendenza ta' din il-Qorti hi marbuta mal-fond kif inhi, skont il-ligi, komposta u kostitwita. La n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha u lanqas kif jew min igibha quddiemha ma jistghu remotament jincidu fuq tali indipendenza.*"

Gie ritenut ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Claudio Porsenna vs Avukat Generali" (deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2012):

"*Inghad li l-artikolu tal-ligi li jaghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali jirreferi ghal "pre-trial stage", filwaqt li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni "jirregola l-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-qorti, u mhux il-mod kif jingieb quddiem il-qorti...."*

*L-ordni tal-Avukat Generali tinhareg qabel ma jinbeda l-process gudizzjarju proprju, u ma jolqotx il-process innifsu la tal-interrogazzjoni u lanqas tas-smiegh li jrid dejjem isir fl-ambitu ta' smiegh xieraq kif trid il-ligi. F'kull kaz, tinghata meta tinghata tali ordni, din ma taffettwax il-htija tal-persuna akkuzata, u tipprexindi minn kull deliberazzjoni li twassal ghas-sejbien ta' htija jew liberazzjoni tieghu.*

*Wiehed irid jenfasizza wkoll hawnhekk li l-ordni tal-Avukat Generali tolqot biss decizjoni dwar quddiem liema Qorti jinstema' l-kaz ta' persuna gia` akkuzata. Li l-persuna jkollha kaz ghalxiex twiegeb ikun gia` gie deciz, u dak li jiddeciedi l-Avukat Generali hu biss is-sede li fih isir il-gudizzju.*"

Fid-dawl tal-fuq espost insenjament, li din il-Qorti tikkondividi, ma jistax, fil-fehma ta' din il-Qorti, jitqies li r-rikorrenti ser isofri xi lezjoni tal-jedd fundamentali tieghu ghal smigh xieraq kif protett bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Art. 7 tal-Konvenzjoni

Permezz ta' dan l-Artiklu, il-Konvenzjoni Ewropea tikkristalizza l-principji illi hija biss ligi li tista' validament tiddefinixxi reat u timponi l-kastig (nullum crimen sine lege). Minn dan jirrizulta illi r-reati u l-konsegwenzi taghhom ghandhom ikunu stabbiliti bil-ligi b'mod illi dak li jkun ikun jaf mill-kliem tal-ligi innifisha dak li tipprojbixxi l-ligi (ara "Scoppola vs Italy").

Kif irriteniet il-Qorti Ewropea fil-kaz "Cantoni vs France" (deciza fil-15 ta' Novembru 1996), mill-kliem stess tal-ligi, l-individwu ghandu jkun jaf, x'azzjonijiet jikkostitwixxu reat

u x’piena tigi inflitta f’kaz ta’ kommissjoni tar-reat l-element ta’ accessibilita’ u prevedibilita’.

Id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jaghzel quddiem liema Qorti ghandu jigi processat l-akkuzat giet ezaminata fid-dawl tal-Art. 7 f’diversi proceduri quddiem dawn il-Qrati.

Fis-sentenza “John Camilleri vs Avukat Generali” (deciza fit-12 ta’ Frar 2010), il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

“*Illi fil-kaz in ezami l-Artikolu 7 ma japplikax billi dan jirrigwarda l-kaz fejn persuna tinstab hatja ta’ att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali fil-hin meta dan ikun sar, jew ghall-ghoti ta’ piena akbar minn dik li kienet applikabbli meta r-reat kriminali jkun sar.*”

L-Avukat Generali fil-kawza odjerna isostni inoltre illi:

“*Bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni moghtija lilu, l-Avukat Generali ma jkunx qieghed b’xi mod jaghti xi decizjoni fuq il-mertu tal-akkuzi. Li jsir huwa li jigi stradat il-kaz billi tigi ezaminata l-gravita’ tieghu fid-dawl tac-cirkostanzi li jiccirkondaw il-kommissjoni tar-reat. L-istess jinghad fuq il-piena u cioe’ li l-Avukat Generali ma jiddecidix il-piena li ghandha tigi inflitta f’kaz li persuna tinsab hatja. Ghal massimu, hija l-Ligi stess li tippreskrivi l-minimu u l-massimu tal-piena f’kaz ta’ sejbien ta’ htija.*”

Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, dan l-argument ma jiswa xejn biex isostni l-garanzija provduta bl-Art. 7 tal-Konvenzjoni ghal dak li jirrigwarda “foreseeability”.

Il-Qorti Ewropea kellha okkazzjoni tevalwa l-materja ricentement fil-proceduri “Camilleri vs Malta” deciza fit-22 ta’ Jannar 2013) u kellha dan xi tghid fir-rigward partikolarment ghall-fatt li l-ligi kif promulgata ma taghtix possibilita’ lill-akkuzat li jkun jaf liema piena qieghed jiffaccja; kif ukoll, inoltre, minhabba l-fatt li l-kriterji li bihom jezercita d-diskrezzjoni tieghu l-Avukat Generali mhumiex stabbiliti la b’ligi u lanqas bi pronunzjament gudizzjarju.

Il-Qorti Ewropea qalet hekk:

"*The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards.*"

Kompliet hekk:

"*In the light of the above considerations, the Court concludes that the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7.*"

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dan ir-ragunament tal-Qorti Ewropea u ghaldaqstant issib illi fic-cirkostanzi, l-Art. 22(2) tal-Kap. 101 jivvjola l-Art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

<u>Rimedju</u>

Ir-rikorrenti qieghed jitlob li bhala rimedju jigi annullat u mhassar l-Att tal-Akkuza fil-konfront tieghu. F'dan il-kuntest, din il-Qorti, bhall-Qorti Ewropea fil-kaz fuq citat, ma tistax tispekula fuq liema Qorti kienet tipprocessa lill-akkuzat kieku element ta' "forseeability" gie sodisfatt.

Inoltre, kif irriteniet ricentement il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Joseph Camilleri vs Avukat Generali" (deciza fl-1 ta' Lulju 2013):

"*Ghalhekk il-process tas-smiegh tal-guri mhux per se jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem, anke taht ic-cirkostanzi lamentati mir-rikorrent, dejjem jekk jitmexxa b'mod gust u jaghti lill-akkuzat smiegh xieraq. Ir-rimedju f'kaz ta' sejbien ta' ksur mhux it-twaqqif jew it-thassir tal-process kriminali, cioe`, ta' dak li jkun sar bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, u kwindi l-guri f'dan il-kaz m'ghandux jitwaqqaf. Il-Qorti Ewropeja ghamlitha cara illi dak li sabet kien biss nuqqas ta' forseeability prevvist mill-*

*Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema nuqqas certament ma jfissirx li l-process kriminali ghandu jieqaf u ma ghandux iservi sabiex igib bhala konsegwenza l-paralizi tas-sistema gudizzjarja. Il-fatt li, skont il-Qorti Ewropeja (b'dissenting opinion tal-Imhallef Malti), l-akkuzat li allegatament wettaq ir-reat seta' ma kienx jaf il-massimu tal-piena li seta' jkun soggett ghalih jekk jinqabad u jinstab hati, ma ghandux izomm is-smiegh innifsu tal-kaz, li hija haga indipendenti mill-prevedibbilita` o meno tal-piena. Il-piena hi dik stabbilita fil-ligi fil-mument li allegatament twettaq ir-reat, u n-nuqqas ta' forseeability jista' jaghti lok ghal xi rimedju iehor, izda mhux li jitwaqqaf il-process gudizzjarju fil-konfront tal-persuna implikata.*"

Ghalhekk, mhijiex ser taghti r-rimedju specifiku li qieghed jippretendi r-rikorrent. Lanqas ma tqis li huwa gustifikat rimedju iehor.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, limitatament fis-sens illi l-Art. 22(2) tal-Kap. 101 jilledi d-dritt tar-rikorrenti kif protett mill-Art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; tichad it-tieni talba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Avukat Generali intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------